GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 2 ta' Ġunju 2023 **Ref:** DLAP 125/2023

**Lis-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, CIO, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat,Knisja u Indipendenti, Kapijiet tal-Entitajiet

**Mingħand:** David Muscat, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** **Il-Program 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja' fis-Sajf**

---

Is-sajf li ġej, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se tkun qed toffri edizzjoni sajfija tal-programm edukattiv 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja */ Footballers' Read and Write Programme'*.

L-għan ta' dan il-programm hu li t-tfal li jħobbu l-futbol jitħajru jaqraw aktar. L-esperjenza wrietna li fuq medda ta' ftit ġimgħat, l-istudenti li jieħdu sehem f'dan il-programm itejbu l-ħiliet tal-qari u l-fehim tagħhom. Dan il-programm iżewweġ l-imħabba tat-tfal għall-futbol mal-gost tal-qari u l-kitba, u hekk it-tfal jaqraw aktar kotba u jtejbu l-ħiliet tagħhom.

Il-postijiet għal dan il-programm huma limitati. Għalhekk issir għażla, fejn fost oħrajn, dawk kollha li japplikaw issirilhom intervista informali qabel jibda l-programm. Fis-sajf imbagħad ikun hemm sessjoni fil-ġimgħa għal 10 ġimgħat mit-8:30 a.m sal-10:30 a.m. fil-grawnd ta' Santa Venera, il-Ħamrun.

Min jista' japplika?

Dan il-programm se jsir għal tfal li matul din is-sena skolastika (2022/2023) kienu fil-ħames jew is-sitt sena tal-primarja. Il-ġenituri/kustodji tat-tfal interessati jistgħu japplikaw billi jimlew il-formola online li tinsab hawn. L-applikazzjoni trid timtela sa mhux iktar tard minn nhar l-**Erbgħa, 21 ta' Ġunju 2023** f'nofsinhar.

Min ikun irid aktar tagħrif jista' jikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu billi jċempel 25983324 jew jibgħat ittra elettronika lil nla@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandra Ebejer**
**Direttriċi,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**